Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 264 / 2019**

Il-Pulizija

(Spettur Anne Marie Xuereb)

vs

**Roderick Falzon**

Illum, 28 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Roderick Falzon, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 328877M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f' dawn il-Gzejjer, f' Jannar 2015 u fis-snin ta' qabel f' dawn il-gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda,

1. B' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wiret haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza dwar xi

grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000) ghad-dannu ta' John Claude Mercieca (ID 280172M).

2. Appropja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn hames telef euro (€5,000) taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu, ghad-dannu ta' John Claude Mercieca (ID 280172M).

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ihallas tal-spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplati fl-Artikolu 532A, 532B u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Settembru, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-18 ta' Awwissu, 2017, u senjatament l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin mill-llum. Stante li t-tieni (2) imputazzjoni tqieset li nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati l-Qorti astjenit milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 532 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ordnat lill-imputat ihallas is-somma ta' €33,140[1] lil John Claude Mercieca entro sentejn (2) millum.

---

[1] €51,100 li minnhom tnaqqas €17,960 imhallsa skont ir-rendikont Dok. AD 2 a fol 430 u 431 tal-atti processwali.

Rat ir-rikors tal-appellanti Roderick Falzon minnu pprezentat fil-11 t' Ottubru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha:

a) Thassar u tikkancella s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-26 ta' Settembru 2019, u konsegwentement tilliberaha minn kull imputazzjoni u htija, jew

b) Alternattivament u fin-nuqqas, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, astjeniet milli tiehi konjizzjoni tat-tieni (2) imputazzjoni u kkundannatu sentejn (2) prigunerija li b' applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin millum, u tirriformaha billi thassar dik il-parti fejn ordnatu jhallas is-somma ta' €33,140 lil John Claude Mercieca entro sentejn (2) millum a tenur tal-Artikolu 532A tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat **illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu f' dan li ġej.**

**L-EWWEL AGGRAVJU: L-ELEMENT TAL-QERQ MA JISSUSTISTIX**

**Dwar l-MCAST u l-Arrigo Group**

1. L-ewwel Qorti qieset illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa. Il-motivazzjoni shiha tal-Ewwel Qorti tinsab f' pagna 12 tas-sentenza appellata: "*l-imputat inganna lill-parte civile billi ivvinta ordnijiet li ma kienux jezistu bhal kaz tal-MCAST fejn l-ahhar ordni kient saret*

*qabel mal-partijiet kienu ltaqghu*". Barra l-MCAST, il-Qorti ghamlet referenza wkoll ghal episodju fejn l-appellant informa lill-parte civile li l-pagamenti tal-Arrigo Group kienu ghadhom ma sarux meta fil-verita l-kont kien thallas diga hames xhur qabel.

2. Madankollu, biex ikun hemm it-truffa irid ikun gie perpetrat mill-agent **xi forma ta' ingann jew qerq <u>li jkun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga </u>li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent**.[2] Minn ezami tar-rizultanzi processwali jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku illi mkien ma jirrizulta a sodisfazzjon tal-ligi dan l-elementi kostituttivi tar-reat addebitat.

3. **Fl-ewwel lok, zgur mhuwiex il-kaz li l-parte civili ta l-flus lill-esponenti ghax gie ingannat**: m' hemmx kontestazzjoni li l-esponent verament kellu negozju tal-computers u li fiz-zmien li dahal fil-ftehim mal-parte civili kellu x-xoghol, kellu l-lavranti, kellu l-merce, u l-flus mghoddija lilu kien qed jinvestihom fin-negozju. **Ma ngiebet ebda prova li l-flejjes kienu qed jintuzaw ghal skopijiet ohra**. **Ma ngiebet ebda prova li l-esponenti ivvinta xi storja dwar negozju ta' computers li ma jezistix. In-negozju vera ezista, u l-kumpannija wkoll.**[3] **<u>L-Ewwel Qorti infatti tiddikjara li temmen li l-appellanta kellu negozju tal-informatika</u>.**

4. Issa in kwantu ghad-decizjoni tal-Ewwel Qorti li l-appellant qarraq bil-parte civile meta tah x' jifhem li kellu xi pagamenti pendenti jew ordnijiet tajbin mill-MCAST u/jew Arrigo Group, jigi sottomess bir-rispett li dawn l-

---

[2] **Il-Pulizija v Carmela German** (30.12.04, Appell)

[3] Xhieda tar-rapprezentant tal-**MFSA** u d-dokumenti, pagni 399 sa 420 tal-process; u xhieda wkoll tal-**Arrigo Travel**, pagni 432 sa 461 tal-process; u tal-**MCAST**, pagni 504 sa 513 tal-process.

episodji huma ghal kollox immaterjali ghal kaz billi din l-informazzjoni giet mghoddija l-ewwel darba fit-30 ta' Mejju 2013[4] u cioe` <u>**wara li l-parte civile kien avvanza l-flus lill-appellant**: kif elenkat aktar ' il fuq, l-ahhar pagament gie mghoddi fit-22 ta' Mejju tal-2013</u>.

5. Kif gja nghad, ghar-reat ta' truffa mhux bizzejjed li jkun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq: l-ingann jew qerq <u>**irid ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga**</u> li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent.[5] <u>F' dan il-kaz, il-"gideb" dwar l-MCAST u l-Arrigo Group ma kienu ta' l-ebda konsegwenza ghall-parte civile proprju ghaliex sehhew **wara** li kien gja sellef is-somma kollha mertu tal-kawza lill-appellant**.**</u>

6. Kif tajjeb inghad fis-sentenza <u>Il**-Pulizija v Philip Petroni**</u>[6] element essenzjali tar-reat huwa t-telf patrimonjali li ggarrab il-vittma bil-konsegwenti qligh ghall-agent, liema telf u qligh ikunu r-rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos milli taghmel il-vittma <u>**ghax tkun giet ingannata**</u>. L-istess fil-kawza fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija v Willoughby**</u>[7] fejn inghad li l-**ingann jew qerq <u>irid ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga</u> li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent**.

7. **In succinct, biex jirrizulta r-reat tal-frodi mhux bizzejjed l-element tal-ingann, izda l-ingann irid jigi segwit b' att jew ommissjoni da parti tal-vittma, rizultat tal-ingann tal-agent.** Jigifieri t-telf tal-vittmi jikkonsisti filli l-

---

[4] Email tat-30 ta' Mejju 2013, a fol 335.

[5] **Il-Pulizija v Carmela German** (30.12.04, Appell)

[6] Appell, 16.03.99.

[7] Appell, 12.02.99.

vittma, **proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent.**[8] **Kellu jigi pruvat li l-appellant ipprokura xi haga b' ingann.**

8. **Fil-kaz odjern, ma jirrizultax li l-appellant ipprokura xi haga bis-sahha ta' dawn l-episodji tal-MCAST u tal-Arrigo Group.** Semmai, l-istejjer tal-appellant kienu intizi mhux biex japprofitta ruhhu mill-parte civile, izda sabiex iserrahlu mohhu li l-flus kienu ser ikunu rifuzi. **Dan mhuwiex reat.** Ma jissostistix l-element tal-qerq li inducew lill-parte civili fi zball u li b' konsegwenza ta' dak l-izball ghamel jew naqas milli taghmel xi haga li gablu telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-esponent.[9] Konsegwentement l-appellant iqis li kellu jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

## 2. Dwar ic-cheque ta' €47,000

9. Maghdud dan, u ghalkemm l-ewwel Qorti ma qisitx ic-cheque vojt ta' €47,000 fil-motivazzjonijiet taghha, l-appellant xorta wahda ser jaghmel is-sottomisjonijiet fir-rigward biex jilqa' bil-quddiem ghal kwalsijasi sottomissijoni li jista' iressaq l-Avukat Generali.

10. Fl-ewwel lok, l-appellant umilment iqis li **m' ghandhiex titwemmen il-verzjoni tal-parte civili li c-cheque nghata lilu mimli. Dan ghaliex ma jaghmilx sens li l-imputat kien ser itih cheque f' ammont superjuri ghall-ammont li kien dovut lilu:** l-import tac-cheque huwa ta' €47,000 filwaqt lil-

---

[8] Ara ukoll: **Il-Pulizija v Carmel Cassar Parnis** (12.12.59, Appell).

[9] **Il-Pulizija v Emanuele Ellul** (20.06.97, Appell)

l-flejjes mghoddijin lill-esponent f' dak l-istadju kienu €46,000,[10] apparti wkoll li l-esponenti kien gja halsu lura parti mill-ammont misluf, kif jaccetta l-parte civile stess fl-email tat-13 ta' Mejju 2013.[11]

11. F' dawn ic-cirkostanzi, hija hafna aktar verosimili l-verzjoni tal-esponenti li c-cheque **nghata vojt u baqa` vojt** sakemm **il-parte civili minn jeddu u minghajr ma qatt gharraf lill-esponent mela u ttenta jsarraf ic-cheque**, minkejja li anke skont il-parte civili **kellu jtih xahrejn notice,[12] u minkejja wkoll li l-ammont dovut kien ferm ferm inqas minn €47,000.**

12. **F' kull kaz, anke jekk wiehed kellu jemmen il-verzjoni inveritjera tal-parte civili li dan ic-cheque melieh l-esponenti, il-fatt wahdu li wiehed jaghti cheque li ma jigix onorat mhuwiex necessarjament reat ghax biex jissostisti dan ir-reat, kif gja nghad, irid ikun hemm l-element ta' ingann li jwassal lill-vittma biex taghmel jew li jonqos milli taghmel xi haga.**

13. Kif qalet tajjeb il-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija v Willoughby** (12.02.99):

> Apparti li ma hemmx prova tad-data meta inhareg ic-cheque in kwistjoni, **mhux kull cheque li ma jigix onorat mill-bank necessarjament jammonta ghar-reat ta' truffa** (Artikolu 308, Kap 9) jew ghar-reat minuri, izda kopriz u involut f' dak ta' truffa ta' lukru frawdolent innominate (Art. 309); **u dan hu hekk anke jekk kemm-il darba jirrisulta li meta inhareg ic-cheque, jew meta**

[10] Pagni 337 sa 343.

[11] Fol 334 tal-process.

[12] Pagni 304 u 533 tal-process.

**<u>kellu jigi msarraf, min hargu kien jaf li ma hemmx flus fil-kont relattiv</u>**.

… mhux kull forma ta' lokupletazjoni ossia arrikkiment maghmul a dannu ta' haddiehor tammonta ghal frodi fis-sens tal-ligi penali. Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominta **irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema <u>ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga</u> li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent**.

Naturalment, dejjem jekk wiehed joqghod fuq dak li qalet din Borg, b' dak is-self kien gie kostitwit dejn civili**. Il-fatt li wara, meta kellu jsir il-hlas, jew meta l-parte civilii nsistiet ghall-hlas, l-appellant hareg cheque fuq kont vojt <u>ma jfissirx li t-trasferiment originali tal-flus kien karpit b' ingann</u>**.

14. Dan l-insejament japplika bis-shih ghall-kawza odjerna. Issa fil-kawza suicitata l-imputat kien hareg cheque **<u>mimli u datat</u>**. **Xorta wahda pero` il-Qorti qieset li ma jissostistux l-elementi tar-reat ta' frodi.**

15. **Fil-kaz tal-lum aktar u aktar ma jirrizultax l-element ta` l-ingann da parti ta` l-esponent, ghas-segwenti ragunijiet:**

- **Hemm qbil li c-cheque nghata bhala forma ta' garanzija**: ma kellux jissarraf fiz-zmien li pprova jsarfu l-parte civili; l-esponent qatt ma awtorizza lill-parte civili isarraf ic-cheque, u l-parte civili lanqas ma biss kellem lill-esponent qabel ma ttenta jsarraf ic-cheque, minkejja li l-parte civili stess jghid li kellu javza lill-esponenti xahrejn qabel.

- **Ic-cheque ma kienx datat**: mela ghalhekk zgur ma jistghax jinghad li l-esponent wieghed lill-parte civili li f' data specifika kien ser ikun hemm xi somma partikolari fil-kont bankarju tieghu – konsegwentement anke ghal din ir-raguni l-element tal-ingann huwa nieqes.

- **Ic-cheque kien vojt**: kif gja nghad, ma tistax titwemmen il-verzjoni tal-parte civili li dan inghata b' import ta' €47,000 billi s-somma mislufa f' dak l-istadju kienet ferm ferm anqas. Il-parte civili stess jghid li l-ammont dovut kien ta' €32,000. Mela apparti li ma kienx hemm weghda li c-cheque seta' jigi imsarraf f'data partikolari, lanqas ma hemm wieghda ta' somma determinata li setghat tissarraf. Ghal din ir-raguni wkoll l-element tal-ingann huwa nieqes.

- **Il-parte civili kien jaf li ma kienx kreditur tal-esponenti fis-somma ta' €47,000**: anke jekk fl-aghar ipotezi hija minnha l-allegazzjoni tal-parte civili li c-cheque kien melieh l-esponent fl-ammont ta' €47,000, il-parte civili kien jaf li hu ma kienx kreditur tal-esponent f' dak l-ammont fil-hin li pprova jsarraf ic-cheque. **Il-parte civili stess jammetti li s-somma dovuta hija ferm inqas minn €47,000 (skont hu, €32,000)**[13] u ghalhekk **ma kellu ebda jedd isarfu**, partikolarment ghaliex ma kien hemm zgur ebda ftehim dwar id-data meta kellu jissarraf.

16. Kif tajjeb inghad fis-sentenza Il**-Pulizija v Philip Petroni** (16.03.99, Appell):

> Fil-kaz in dizamina, il-qerq perpetrat mill-appellant Petroni – **meta hareg cekkijiet li kien jaf li mhux ser jissarfu – b' ebda mod ma wassal lis-socjeta` P. Cutajar & Co. Ltd biex taghmel jew tonqos**

[13] Ara pagna 301 tal-process.

> **milli taghmel xi haga li gabitilha telf patrimonjali u xi qligh ghal Petroni**: **sempliciment id-dejn li kien hemm baqa` hemm u, se mai, komplew jizdiedu l-imghaxijiet fuq dak id-dejn**, liema imghaxijiet eventwalment kienu ser imorru ghall-imsemmija socjeta P. Cutajar & Co Ltd. Naturalment dak li ghamel l-appellant Petroni kien imur kontra kull etika u prassi tajba fil-kummerc; pero` altru s-sanzjoni tas-socjeta` kummercjali li ma tibqa` tikkoncedi ebda kreditu lill-imsemmi appellant minhabba l-agir tieghu, u altru s-sanzjoni penali li tiskatta biss jekk kunu jikkonkorru l-elementi kollha tar-reat.
>
> Kif inghad, f' dak il-kaz, il-qerq konsistenti fil-hrug taz-zewg cekkijiet li ma setghux jissarfu b' ebda mod ma wassal lis-socjeta` P. Cutajar & Co. Ltd biex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li gabitilha telf bil-konsegwenti arrikkiment tal-appellant Petroni. **Ghalhekk anqas ma jikkonfigura r-reat ta' lukru frawdolent innominata kontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali**.

17. **F' dan il-kaz, l-esponent, anke jekk din il-Qorti tqis li hareg cekk li kien jaf li mhux ser jissarraf (apparti l-fatt li <u>qatt ma kien hemm ftehim li dan kellu jissarraf f' data partikolari, anzi, il-parte civili stess jammetti li kellu jaghti xahrejn notice</u>) bl-ebda mod ma wassal lill-parte civili biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga li gablu telf patrimonjali. Kull ma jfisser hu sempliciment id-dejn li kien hemm baqa` hemm.**

18. Huwa minnu li wara li nghata c-cheque ta' €47,000, il-parte civili sellef is-somma komplessiva ta' €5,100 permezz ta' zewg cheques fl-ewwel ta' Frar

2013[14] u l-iehor fit-22 ta' Mejju 2013.[15] **Pero` ma jirrizultax li dan it-trasferiment ta' €5,100 kien karpit b' ingann**: **f' dan il-perijodu n-negozju kien ghadu qed jopera, u l-esponenti ghadu qed jirrifondi l-flejjes lill-parte civili u in fatti b' kollox tah lura €18,000 (skont il-parte civili stess)**.[16] **Sal-2014 (u cioe` sa sena wara li l-parte civili sellef l-ahhar somma) l-esponent kien ghadu qed jirrifondi l-flejjes kif patwit.**[17]

19. L-element tal-ingann ghalhekk ma jissustistux billi l-esponenti verament kellu negozju tal-computers, verament kien qed jinvesti flus il-parte civili f' dan in-negozju, verament kellu l-ordnijiet, u sahansitra kien qieghed bil-mod il-mod jirrifondi lura s-somma mislufa.

20. Huwa car, ghalhekk, li **ic-cheque vojt ma wassalx lill-parte civili biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, u cioe` li waslu biexi kompli jsellef iktar flejjes. Dak li verament wassal lill-parte civili ikompli jsellef il-flus lill-esponent kienet l-ezistenza proprja tan-negozju u l-ottemporanza tal-esponent mal-ftehim ghar-rifuzjoni tal-flus (€18,000 b' kollox). Mela certament ma jirrizultax li l-esponent ipprokura s-somma ta' €5,100 b' ingann: is-somma ta' €5,100 giet mislufa ghax in-negozju sa dak iz-zmien kien ghadu miexi, il-flus kienu qed jigi nvestiti mill-esponenti kif patwit, l-ordnijiet kienu dehlin, u l-flus kienu qed jigu rifuzi, ukoll kif patwit.**

---

[14] Pagna 346 tal-process.

[15] Pagna 345 tal-process.

[16] Pagna 301 tal-process.

[17] Pagna 569 tal-process.

## 3. Gidba semplici ma tikkwalifikax ghar-reat ta' truffa

21. F' kull kaz, anke jekk semmai u in pessima ipotezi l-Qorti tqis li xorta kien hemm xi element ta' ingann, huwa ormai pacifiku li l-"gidba semplici" – a differenza tal-mise en scene, artifizji u raggiri – tista` tammonta biss ghar-reat ta' frodi innominata.[18] Dwar l-artifizji intqal diversi drabi li hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat.

22. Ma jirrizultax li l-esponent kien qed juri haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz kif jezigi Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Ma jirrizultawx is-serje ta' raggiri u maniggi li jsiru riferenza ghalihom f' Artikolu 308 imsemmi u ma jirrizultax li kien hemm il-messa in xena rikjesta.

23. L-appellant iqis, ghalhekk, li jista` in pessima ipotezi biss jinsab hati ta' frodi innominata billi l-element essenzjali tar-reat ta' truffa tal-artifizji u raggiri ma jissustistux zgur billi l-esponenti <u>verament kellu negozju tal-computers u verament kien qed jinvesti flus il-parte civili f' dan in-negozju, tant li bil-mod il-mod beda jirrifondi l-flejjes lura bis-sahha tal-qligh li kien qed jaghmel</u>. Ma ngiebet ebda prova kontrarja. Fl-aghar ipotezi, mela, l-esponenti jista` jkun hati biss li wieghed lill-parte civili li kellu l-mezzi biex ihalsu – li tista` biss tissarraf fir-reat kontemplat fl-Artikolu 309, li tajjeb jinghad lanqas biss gie citat mill-Avukat Generali fl-artikoli.

## IT-TIENI AGGRAVJU: KUNFLITT DWAR L-AMMONT MISLUF

[18] **<u>Il-Pulizija v Carmela German</u>**, gja citata.

-

24. L-ewwel Qorti odnat lill-appellant ihallas is-somma ta' €33,140 lill-parte civili. Il-motivazzjoni tal-ewwel Qorti tinsab fil-footnote tal-ahhar pagna tas-sentenza: "*€51,100 li minnhom tnaqqas €17,960 imhallsa skont ir-rendikont Dok. AD2 a fol 430 u 431 tal-atti processwali.*"

25. B' kull rispett, l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta waslet ghas-somma ta' €33,140 abbazi ta' komputazzjoni semplici, meta jirrizulta ampjamant mill-process voluminuz illi hemm **kontestazzjoni qawwija** dwar l-ammont li fil-fatt huwa dovut lill-parte civile.

26. Konsegwentement, anke jekk f' l-aghar ipotezi din il-Qorti jidhirlha li l-appellanti huwa hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontrih, l-esponent iqis li l-Ewwel Qorti kienet erronja meta applikat l-Artikolu 532A tal-Kodici Kriminali, **stante li l-ammonti li ghadhom dovuti llum il-gurnata lill-parte civili m' humiex ben definiti.**

27. Kif jixhed il-parte civili stess, hemm vertenza civili dwar l-ammont li ghadu dovut. Mhux hekk biss, imma lanqas hu stess ma jaf x' ghad ghandu dovut billi l-parte civili **lanqas biss kien jaghti ricevuta lill-appellant kull meta gew rifuzi xi flus lilu**.

28. **M' hemmx kontestazzjoni li l-appellant ghandu debitu a favur il-parte civile. Pero` il-kwantifikazzjoni u l-likwidazzjoni ta' dan id-debitu ma hijiex kompetenza tal-Qrati Kriminali:** din il-kwistjoni hija wahda purament ta' natura civili.

29. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza gja citata Il-**Pulizija v Philip Petroni,** "*jigu spiss quddiemha kazijiet fejn jidher li l-pulizija qed tipprocedi kontra*

*dak li jkun fuq akkuza ta' frodi fuq insistenza tal-avukat jew avukati tal-allegat vittma meta* ***ezami oggettiv u spassjonat tal-fatti ghandu juri li l-kaz ikun wiehed purament civili jew kummercjali u mux ta' natura penali****. Il-pulizija ghandha, ghalhekk, qabel ma tmexxi f' kazijiet bhal dawn, tezamina sew il-fatti biex tara jekk verament jikkonkorrux l-elementi kollha tar-reat ipotizzat u mhux tissokkombi ghall-pressjonijiet li jrisirulha mill-avukati, ghax altrimenti* ***jista` jigri li l-proceduri penali jibdew jintuzaw bhala forma ta' pressjoni jew mhux addirittura ta' rikatt fuq dak li jkun biex ifittex ihallas id-debitu civili jew kummercjali li jkollu ma terzi. Hu apena necessarju jignhad li l-[prpceduri penali ma ghandhom qatt jigi strumentalizzati ghal da nil-fini****."*

30. L-appellant iqis li l-Ewwel Qorti ma kellhiex, arbitrarjament, tiffissa ammont hi li ghandu jithallas mill-appellant, stante li **l-ammont ma giex pruvat sal-grad rikjest mill-ligi**. **<u>Il-parte civile stess jghid li mhuwiex cert dwar l-ammont li ghadu dovut lilu</u>**. Billi hemm nuqqas ta' qbil dwar l-ammont dovut, u billi ma ngiebet ebda prova sodisfacjenti dwaru, <u>hija biss Qorti civili li ghandha s-setgha tistharreg il-mertu ta' din il-vertenza</u>, anke ghaliex, wara kollox, kif gja nghad, minn ezami oggettiv u spassjonat tal-fatti ghandu jirrizulta li din hija vertenza ta' natura purament civili.

**IT-TIELET AGGRAVJU: IR-RIFUZJONI TISTA` TKUN BISS TAL-FLUS AVVANZATI MINHABBA INGANN**

31. Minghajr ebda pregudizzju ghall-aggravji precedenti, fl-aghar ipotesi l-Ewwel Qorti kellha f' kull kaz tordna r-rifuzjoni tal-flejjes inhallsa mill-parte civili lill-appellant <u>wara</u> li l-parte civile gie ingannat.

32. **Fi kliem iehor, anke jekk fl-aghar ipotesi din l-Onorabbli Qorti taqbel li l-ammont li ghadu dovut lill-parte civile huwa ta' €33,140, mhuwiex**

**kompitu tal-Qrati Kriminali li jillikwidaw debitu civili. L-ewwel Qorti kellha semmai tara liema mill-flejjes avvanzati kienu rizultat ta' qerq perpetrat mill-appellant, u jekk xejn, kellhom ikunu dawn biss il-flejjes biss li setghat tordna r-rifuzjoni taghhom.**

33. Dan qed jinghad ghaliex il-Qrati Kriminali ma jistghux jissostitwixxu l-Qrati Civili li ghandhom kompetenza esklussiva jistharrgu u jiddeterminaw materji civili. Il-Qorti Kriminali, a tenur tal-Artikolu 532A, tista` biss tordna lill-hati jhallas dawk id-danni ghal xi feriment jew b' kumpens ghal xi telfien. Ghandu jkun ovvju li dan it-telfien ghandu jkun konsegwenza diretta tar-reat; jigifieri jrid ikun hemm ness bejn it-telfien u r-reat innifsu.

34. Kif gja nghad, anke l-Ewwel Qorti temmen li l-appellant verament kellu negozju tal-informatika, u konsegwentement zgur ma jistghax jinghad li s-somma kollha ta' €51,100 giet mislufa minhabba ingann perpetrat da parti tal-appellant.

35. Fl-aghar ipotosi, ir-rifuzjoni ghandha tkun biss tas-somma ta' €5,100 li l-parte civili avvanza lill-appellant wara li nghatalu c-cheque ta' €47,000 li eventwalment ma setghax jissarraf. Ic-cheque nghata lejn l-ahhar tal-2012 – ma jirrizultax id-data preciza ta' meta nghata dan ic-cheque u ghalhekk kull dubju ghandu jmur favur l-appellant. Kif jirrizulta mill-elenku aktar ' il fuq, il-flus mislufa wara dan il-perijodu huma ta' €5,100. Fl-aghar iptoezi, din biss ghandha tkun is-somma li semmai ghandu jirritorna l-appellant a tenur tal-Artikolu 532A. Din il-Qorti b' kull rispett m' ghandiex kompetenza tordna rifuzjoni ta' flejjes li mhumiex flejjes li l-appellant ipprokura b' ingann jew bis-sahha ta' xi reat iehor. **Kull somma ulterjuri hija kompetenza esklussiva tal-Qrati civili.**

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi l-kwerelant John Claude Mercieca u l-appellant iltaqghu f'Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn l-appellant kien jopera permezz tal-kumpanija Comprod Group Limited fix-xiri ta' prodotti ta' computers u servizzi u affarijiet relatati;

2. Illi kien gie miftiehem li filwaqt li l-appellant kien jaghmel in-negozju u xoghol necessarju, il-kwerelant kellu jiffinanzja n-negozju u kienu ftehmu ukoll li l-profit kellu jinqasam nofs bin-nofs;

3.Illi jirrizulta li l-kwerelant ghadda numru ta' pagamenti lill-appellant;

4. Illi l-kwerelant jallega li l-appellant ma kienx izomm mal-ftehim dwar kif kellu jhallas il-flejjes mislufa lilu u lanqas dwar il-profit li kellu jinqasam bejniethom;

5. Skont dak li jixhed il-kwerelant, f'madwar Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) l-appellant talbu aktar flus ghaliex qal li kienet dahlet ordni mill-MCAST u l-kwerelent ghadda dawn il-flus. Stante li l-appellant baqa qatt ma halsu u meta mitlub jipprovdi invoice ta' din l-ordni baqa' ma tajilux, il-kwerelant kien ghamel kuntatt mal-MCAST fejn gie infurmat li l-ordnijiet kienu saru f'Jannar u thallsu fl-istess zmien. Mix-xhieda ta' Pierre Sammut in rapprezentanza tal-MCAST irrizulta li l-ahhar pagament li nhareg mill- MCAST kien fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) u ghalhekk qabel ma kienu ltaqghu l-appellant u l-kwerelant;

6. Il-kwerelant prova jsarraf cekk ta' sebgha u erbghin elf (€47,000) mghoddi mill-appellant aktar kmieni bhala garanzija ghal flejjes mahruga, liema cekk gie *referred to drawer*. L-appellant minn naha tieghu jikkontesta li c-cekk kellu l-ammont miktub meta huwa ffirma c-cekk izda jghid li nghata vojt u li dan kien inghata bhala garanzija kif talab il-kwerelant;

7. Illi ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigward l-element tal-qerq, u cioe' jissottometti li dan ma jissustix.  L-Ewwel Qorti qieset li jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa. Li l-motivazzjoni tal-Qorti kienet li l-imputat inganna lill-parte civile billi ivvinta ordnijiet li ma kienux jezistu bhal kaz tal-MCAST fejn l-ahhar ordni kienet saret qabel mal-partijiet kienu ltaqghu. Barra l-MCAST, il-Qorti ghamlet referenza ghal episodju fejn l-appellant informa lil parte civile li l-pagamenti tal-Arrigo Group kienu ghadhom ma sarux meta fil-verita l-kont kien thallas diga hames xhur qabel. Jissottometti li biex ikun hemm it-truffa irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq li jkun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent. Li mhuwiex il-kaz li l-parti civile ta l-flus lil appellant ghax gie ingannat, li ma hemmx kontestazzjoni li l-appellant verament kellu negozju tal-computers u li fiz-zmien li dahal fil-ftehim mal-parte civile kellu xoghol, kellu l-lavranti, kellu l-merce u l-flus mghoddija lilu kien qed jinvestihom fin-negozju. Li ma ngabet l-ebda prova li l-flejjes kienu qed jintuzaw ghal skopijiet ohra u lanqas li ivvinta xi storja dwar negozju ta' computers li ma jezistix. Jissottometti li n-negozju vera ezista, u l-kumpanija wkoll. Infatti l-Ewwel Qorti ddikjarat li temmen li l-appellant kellu negozju tal-informatika.

Skont l-appellant l-episodji dwar MCAST u/jew Arrigo Group huma ghal kollox immaterjali ghal kaz billi din l-informazzjoni giet mghoddija l-ewwel darba fit-30 ta' Mejju 2013 u cioe' wara li l-parte civile kien avvanza l-flus lill-appellant, li l-ahhar pagament gie mghoddija fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013). Jissottometti li ghar-reat ta' truffa mhux bizzejjed li jkun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, irid ikun wassal lil vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent. Li f'dan il-kaz, il-gideb dwar l-MCAST u l-Arrigo Group ma kienux tal-ebda konsegwenza ghall-parte civile proprju ghaliex sehhew wara li kien gja sellef is-somma kollha mertu tal-kawza lill-appellant. Jissottometti li biex jirrizulta r-reat tal-frodi mhux bizzejjed l-

element tal-ingann, izda l-ingann irid jigi segwit b'att jew ommissjoni da parti tal-vittma, rizultat tal-ingann tal-agent. It-telf tal-vittmi jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax tkun giet ingannat, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Kellu jigi pruvat li l-appellant ipprokura xi haga b'ingann. Jissottometti li fil-kaz odjern, ma jirrizultax li l-appellant ipprokura xi haga bis-sahha ta' dawn l-episodji tal-MCAST u tal-Arrigo Group. L-istejjer tal-appellant kienu intizi mhux biex japprofitta ruhu mill-parte civile izda sabiex iserrahlu mohhu li l-flus kienu ser ikunu rifuzi. Li dan mhux reat. Jissottometti li ma jissostistix l-element tal-qerq li inducew lil parte civile fi zball u li b'konsegwenza ta' dak l-izball ghamel jew naqas milli taghmel xi haga li gablu telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-appellant. Ghalhekk l-appellant jissottometti li ghandu jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-kwerelant John Mercieca fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed li f'Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) kien laqqahom habib tieghu tal-Filaterija ta' Charles Azzopardi li huwa prezentement is-Sindku tar-Rabat u kien qallu li s-Sur Falzon kellu bzonn xi ghajnuna fil-business. Kienu ltaqghu l-hanut tieghu Santa Venera fejn '*Hu kien qalli li l-Bank kien tah overdraft ta' tletin elf u hu ma kienx qed ilahhaq mad-domanda tax-xoghol li kellu u hemmhekk ried fejn nidhol jiena biex nghinu fil-business*'. Kien urih xi ordnijiet tan-nies u kien fehmu li meta jaghmlu l-business biex ikollu ha jaqdu n-nies u jaqsmu l-profitti. Kellu giex minn nies qed jahdmu mieghu, hu fdah u kien avvanzalu l-ewwel pagament ta' tmint'elef ewro (€8000). Kien qallu li l-ordnijiet kellhom credit ta' disghin gurnata jigifieri kellu disghin gurnata qabel ma jara l-flus tieghu u safratant hu kien dejjem jerga jsaqsieh ghal flus. Kien urih xi invoices u qallu li mhux ta' min jitilfuhom u dahal ghalihom. Sal-ahhar tas-sena kellu jaghtih sebgha u erbghin elf ewro (€47,000). Kien ghadu lanqas ra penny ghax kienu ghadu under credit, pagamenti kien ghadhom ma dahlux minghand in-nies. Kien hemm drabi li kien mar idur mieghu l-klijenti kemm Malta u Ghawdex. Suppost wara d-disghin gurnata jew sittin gurnata li ftehmu kellu jhallsu l-ammont u t-taqsim tal-profitt, il-flus

qatt ma tahomlu lura. Kien qallu li ma jistax jibqghu sejrin hekk, li mhux qed idahhal xejn mill-flus li hareg u li hamsin elf ewro (50,000) ammont sostanzjali u kienu ftehmu li jibda jhallsu seba' mitt ewro fil-gimgha flusu lura. Dwar is-seba' mija (700) kien jghid li huma profitti izda l-kwerelant kien jarahom li qed jigbor il-kapital tieghu. L-imputat qatt ma zamm mas-seba' mitt ewro fil-gimgha, il-kwerelant sal-ahhar tas-sena kien gabar tmintax-il elf ewro (€18,000). Spjega li '*kelli €47000 u kien hemm xi €3000 li kien dovut lejja u minnhom dawn kollha minn €50000 gbart €18000 jigifieri jien dovut €32000*'. Spjega kif kien mar darba il-hanut tieghu u impjegat saqsih '*jaqaw ghandu jtik il-flus? Ghidtlu iva ghaliex? Qalli ghax kull min jidhol hawnhekk irid itik il-flus*'. Darba ohra kien mar id-dar tieghu u sab lil haddiehor u qallu li ghandu jtih il-flus ukoll. Xehed ukoll li '*minghalija f'Marzu kien qalli li kien hemm ordni ta' Arrigo u l-MCAST*' ghal parts tal-Kompjuter u '*kont avvanzajtlu xi flus u l-istess kellu credit note m'hiniex cert jekk kienx ta' xahar jew x' jismu imma meta kien skada t-temp jiena kont dejjem nghidlu l-flus fejn huma ? U hu dejjem kien jigi b' xi skuza. Issa jiena kont imbaghad biex nipprova iktar nara x' qed jigri jiena kont saqsejtu ghal invoice ghax ghidtlu li ghandi habib li jista' jghinha biex nigbru l-flus u kien jghidli per ezempju li c-cheque kien fil-posta, u mbaghad jghidli, dejjem kien jivvintali xi skuza. Li c-cheque spicca ghand l-Avukat aw ghand in-Nutar tieghu, in-Nutar tieghu ma jafx fejn hu. U mbaghad kien rega' qalibli li c-cheque kien ghadu ma wasalx u jiena kont insaqsih ghal invoice biex immexxi x' jismu. Fl-ahhar kien qalli li kellu problema bil-Kompjuter tieghu u l-invoice intilef u hemmhekk ghidt I have to take action jigifieri. U jiena kont cempiltilhom*' Kien cempel lil MCAST '*u kont saqsejthom ghan-nom ta' Comprod jekk kienx hemm xi cekkijiet pendenti lejh u kienu qalulu li l-ahhar xoghol li kellhom kien f' Jannar u kien thallas. Jigifieri dan qatt ma kien hemm l-ordni li kien qalli f' Marzu ghax l-ahhar pagamenti li kienu ghamlulu kien f'Jannar*'.

Dwar ic-cekk spjega li dan kellu jservih bhala garanzija li l-flus qeghdin ghandu, ried garanzija minghandu tal-ammont globali li kien dovut lejh. Kienu ftehmu li jaghmillu cheque u kien ghamillu cheque ta' sebgha u erbghin elf (47,000). Jghid li l-ftehim kien li jekk '*kelli bzonn il-flus jiena navzah minn xahrejn qabel biex il-flus ikunu fil-kont.*' Spjega li meta kien tah ic-cheque kellu bzonn *alteration* u meta kien prezentah kien referred to

drawer u l-bank kienu qalulu jekk jistax jikkuntatjah biex jigi jkellimhom u qalilhom li ma ghandux in-numru. Ma kienx sarfu mal-ewwel izda kien stenna. Jghid li kellu cheques li jghoddu sitta u erbghin elf ewro (€46000) u xi elf (1000) cash u ghalhekk kienu gew ghal sebgha u erbghin elf ewro (€47000). Hemm zewg cekkijiet li kien avanzalu wara li kien ghamillu c-cekk tas-sebgha u erbghin elf ewro (€47,000), dawn jinsabu a fol 345 u mmarkati bhala Dok JM4 ammontanti ghal elfejn u sitt mitt ewro (€2600) cheque datat it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) u cekk iehor ta' elfejn u hames mitt ewro (€2500) datat l-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013).

Spjega li meta kien imsiefer, l-appellant kien saqsa ghal flus u missier il-kwerelant kien avvanzahomlu. Dwar ic-cekk jghid li huwa mela d-data filwaqt li l-kumplament tac-cheque jimmagina li melieh Roderick ghalkemm quddiemu kien iffirma biss izda ma kienx rah jimlieh. Il-kwerelant John Mercieca fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) kien prezenta lista tal-pagamenti. Dok AD1 jirraprezenta lista' ta' pagamenti li ghamel l-appellant versu l-kwerelant u ghalhekk l-appellant halsu l-ammont ta' sbatax-il elf, disa' mija u sittin ewro (€17,960) globalment. Prezenta ukoll Dok AD2 u cioe' ittra elettronika.

In kontro-ezami, John Mercieca fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) spjega li kienu ftehmu li l-appellant ihallsu l-kapital u nofs l-profitti. L-appellant kien jghid li s-seba' mitt ewro (€700) fil-gimgha huma profitt izda ghal kwerelant peress li l-ewwel kuntratt kien gia waqa, dawk ghalih kien qed jigbor flusu. Mistoqsi kemm ghaddielu b'kollox wiegeb '*Milli niftakar kont ghaddejtlu €47, 000 zgur u mbaghad over and above that kien hemm xi €6000 imma kien diga' hallasni xi haga. In all kienu €47000 plus €3000.*' Spjega li '*€700 ftit li xejn kien zamm maghhom jigifieri meta kien rarament itini xi haga izjed minn dawn €700 within 3, 4 days kien isaqsini jghidli isma' ghandi bzonn xi flus ghax ghandu xi pagamenti*'. Mistoqsi jekk hallsux lura mat-€18,000 u fuqhom wiegeb '*€18000 u ftit inqas minnhom naqblu hemm*'.

Jghid li selfu madwar hamsin elf ewro (€50,000) b'kollox u jikkonferma li baqa qisu tnejn u tletin elf ewro (€32,000) xi jhallsu lura.  Dwar ic-cekk ta' sebgha u erbghin elf ewro (€47,000) ikkonferma li kien tahulu l-appellant bhala garanzija u kkonferma li kien il-kwerelant stess li kieteb id-data. Mistoqsi jekk gieli baghtlu ittra bil-Qorti biex jirritorna l-flus wiegeb li le izda jahseb li l-Avukat tieghu ikkuntatja l-Avukat tieghu. Mistoqsi '*Inti qed tghid ghandu jtik €32000 u hu qed jghid ghandu jtik bejn €20000 u €25000*', wiegeb '*Iva*'.

L-appellant Roderick Falzon li ha l-pedana tax-xhieda fil-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed li kien jahdem ghal rasu, kellu kumpanija jisimha Comprod u kien ibiegh xoghol relatat ma' Computers. Fl-elfejn u tnax (2012) kien ghaddej mis-separazzjoni u kellu problema ta' cash flow u meta kien irrikorra il-bank biex ikabbar il-facilita li kellu, ma setghax minhabba li ma kellux firma minn naha tal-mara. Spjega li Charles Azzopardi kien jaf lis-Sur Mercieca u s-Sur Mercieca kien resaq lejh u mar ghandu l-hanut u tkellmu kif qed jahdem u qallu li jghinu. Dakinhar stess kien tah l-ewwel tmint'elef ewro (€8,000) bhala cheque. Kienu ftehmu li jixtri x-xoghol u l-qliegh li jaghmel jinqasam fifty fifty. Jghid li '*mbaghad ergajt saqsejtu. Ovvjament kont diga' tajtu parti jekk mhux kollox ghax qed niftakar bl-amment mill-ewwel ammont li kien tani u ddecieda li jkompli jghini u jtini aktar*'. Spjega li '*Lejn l-ahhar tal-2012 naf li kien talabni xi tip ta' garanzija u originarjament kien talabni xi 10% fix-xahar fuq l-ammont li kien silifni. Jien dak l-ammont kien daqsxejn kbir ghax ix-xoghol ma kienx dejjem bejgh filli jkollok ammont u filli jkollok ammont iehor ta' bejgh mhux il-profitti ma jkunux dejjem l-istess*'. Ma setghax johrog tlett elef u hames mija (€3,500) fix-xahar, ghax kien silfu xi hamsa u tletin elf ewro (€35,000).  Kienu ghalhekk niezlu li jaghtih seba' mija (€700) fil-gimgha.  Jghid li dawn kienu '*over and above il-kapital li kien tani*'. Jghid li s-seba' mija dejjem ried li jhallsu cash. Ircevuta qatt ma kellu biss kienu jikkomunikaw permezz ta' emails. Gieli ma tahx seba' mija u tah tlett mija jew hames mija, kemm setgha. Dwar ic-cekk ta' sebgha u erbghin elf ewro (€47,000) wiegeb li lejn l-ahhar tal-2012 kien talbu xi tip ta' garanzija u kien tah cekk. Ma kellux ammont, jghid li qatt ma kellu dak l-ammont misluf '*at one go*'. Kellu

firma biss ic-cekk, jghid li kieku kellu dawk il-flus, kien juza lilhom l-ewwel mhux speci jispicca jmur jissellef. Xehed li '*Il-forty seven thousand (€47,000) miktub minni ha nghid hekk gie ghalihom nahseb skond l-ammont ta' cheques li gew esebiti li kien silifni. Issa minn dawk ic-cekkijiet li silifni jekk per ezempju kien hemm cheque niftakarhom cert ta' elfejn u hames mija (€2500) kien hemm xi zewg cekkijiet. Dawk kont tajtomlu lura u rega' tani qisu gedded l-ammont li kien silifni qabel hallastu lura u  tahomli. Jiena qat ma ftehmena fuq il-forty seven thousand (€47,000).*'  Jghid li lejn l-ahhar tal-elfejn u tlettax (2013), elfejn u erbatax (2014) il-komunikazzjoni taghhom bdiet tonqos ghar-raguni li baqa' l-hin kollu jghidlu seba' mija (€700), ma setghax johrog seba' mijiet fil-gimgha. In kontro-ezami qal li l-ewwel tmint'elef (8,000) intefqu biex gab xi xoghol minn barra. Illum il-gurnata huwa impjegat. Jghid li l-bank ma kienx tah overdraft ghax kien ghaddej mis-separazzjoni. Jghid li kien anke naqaslu sebghin elf ewro (€70,000) xoghol qabel l-elfejn u tnax (2012) izda ma ghamilx rapport u lanqas ghamel claim mal-insurance minkejja li kien kopert. Ikkonferma li t-tmint'elef (8,000) tahomlu cash lura izda ma zammx rendikont ta' kif hallsu. Jghid li l-emails kien ipprezentahom. L-Avukat tieghu preciza li jahseb li ipprezentahom il-kwerelant stess.

L-appellant xehed li l-ftehim li jaghti 10% fix-xahar kien apparti s-somma li kellu jaghtih. L-unika haga li semmielu li ha jkunu parti mis-somma lejn l-ahhar tal-elfejn u tlettax (2013) u li '*qalli biex speci ta n-negozju m' ghadux daqshekk b' sahhtu fit-2013 innaqsuhom naghmluhom tliet mija u hamsin (€350). Naqsmuhom tliet mija u hamsin (€350) mis-somma u tliet mija u hamsin (€350) interessi jew profitt ma nafx*'.  Ikkkonferma li fil-passat kellu djun ma persuni ohra, anke ftit tax-xhur qabel ma kellu kuntatt mal-kwerelant. Kien hemm affarijiet pendenti meta saru jafu.  Ma jafx kemm hallsu lura, kienet tilhaq l-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000), tletin elf ewro (€30,000) f'dak l-ilma. Jghid li baqalu jhallas bejn ghoxrin elf (€20,000) u hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000). Jahseb li l-ahhar pagament kien fl-elfejn u erbatax (2014), ma jafx id-data. Ikkonferma li kien hemm xoghlijiet mal-MCAST u ma' Arrigo Travel, jghid li lehaq

thallas taghhom.  Ma jafx ezatti l-perjodu meta gie mhallas u ma giex imhallas. Dwar il-fatt li Jean Claude kien iccekja personalment u qalulu li ma kienx hemm kontijiet pendenti, wiegeb li '*Ma nafx jiena, ma marx ovvjament mill-ewwel gurnata jista' jkun li lhaqt thallast ghaddejtu l-pagamenti u ghamilna xoghol iehor*'. Mistoqsi jekk infurmax lil Jean Claude li thallas, qal li jahseb li dak iz-zmien kien beda jonqos il-kuntatt taghhom. Dwar ic-cekk a fol 30 qal li ma kitibx ic-cheque hu, kemm firma ghamel. Jikkonferma li firma biss kellu c-cheque.

Din il-Qorti sejra wkoll taghmel referenza ghall-istqarrija rilaxata mill-appellant fit-tnejn (2) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015), l-ammissibilita' ta' din l-istqarrija ma tirrizultax ikkontestata minkejja li ttiehdet fi zmien meta suspettat ma kellux jedd ikollu Avukat prezenti matul l-interrogatorju. F'din l-istqarrija fost affarijiet ohra spjega li ltaqa mas-Sur Mercieca fis-sena elfejn u tnax (2012) fejn '*Bhala business konna fthemna ghal xiri ta' prodotti tal-informatika for resale purpose, u jiena kelli problema ta' finanzi. F'xi drabi is-sur Mercieca kien ikun irid jara il-commercial invoice tax-xoghol li konna ha nordnaw u jiena kont nuri kollox. Wara dan hu kien jghaddieli cheques jew cash sabiex inhallas lis-supplier halli jkun jista jigi xoghol.*' Ma jiftakarx kemm hallas Mercieca izda jispjega li '*Ahna konna nahdmu hu jiffinanzja xoghol u jiena meta nbiegh nghaddi flus lura.*' Bhala bilanc pendenti mas-Sur Mercieca jghid li fadallu bejn ghoxrin elf ewro (€20,000) u hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000). Spjega li malli jithallas minghand il-klijent kien jaghtih kollox lura. Cahad li ghandu xi bilanci pendenti ta' flus dovuti lis-suppliers tieghu rigward xoghol li kien iffinanzjalu John Claude Mercieca.  Qal li l-kumpannija Comprod kellha bank overdraft ta' €180,000.00 mal-Banif Bank imma dan ghalaq minhabba li kien ghaddej bi proceduri ta' separazzjoni matrimonjali. Ikkonferma li l-MCAST kien wiehed mill-klijenti tieghu u dam madwar tlieta (3) jew erba' (4) snin. Mistoqsi '*Huwa minnu li darba lil John Claude Mercieca kont etlu li kellek tircievi flus mill-MCAST u cioe' is-somma ta' €3,000.00 meta dan ma kienx minnu?' wiegeb 'Ma niftakarx.*' Jghid li qatt ma talab ircevuta minghand Mercieca tal-flus li tah lura ghalkemm gieli bghatlu emails rigward dan. Dan l-ahhar qata l-kuntatt ma' John Claude Mercieca '*u dan*

*ghaliex meta ahna konna fthemna li ser inhalsu €700 fil gimgha hallli jinqata l-bilanc, hu kien qalli li dan huma biss interessi u ma jitnaqsux mill-kapital. Izda wara li jiena kont ghaddejtu ammont ta' pagamenti ta' €700 fil-gimgha hu kien qalli li kien ser jibda jnaqqas mill-kapitali li kelli natih.*' Ikkonferma li ghandu djun ma nies ohra relatat man-negozju li kellu ghalkemm ma jafx l-ammont. Mistoqsi dwar ic-cekk ta' sebgha u erbghin elf ewro (€47,000) spjega li '*Ic-cheque huwa tieghi u jiena stess kont iffirmajtu. Nghid illi dan ic-cheque kont tajtu lil John Claude Mercieca vojt u raguni kienet li hu kellu jikwantifika somma dovuta lilu, u dan gara fil-bidu li ahna konna bdejna nahdmu flimkien. Jiena kont tajt dan ic-cheque lis-sur Mercieca bhala forma ta' garanzija ghal €22,000.00 li hu kien silifni. Nghid ukoll illi l-kitba fuq dan ic-cheque mhix tieghi*' Mistoqsi jekk qieghed f'pozizzjoni li thallas lura lis-Sur Mercieca, wiegeb li l-bilanc li fadallu, jhallsu by installments imma zgur mhux l-ammont kollu f'daqqa.

Jasmine Cachia fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehdet in rapprezentanza ta' Arrigo Travel fejn ikkonfermat li kienu talbu servizz ta' Comprod Computer Centre ghal '*Ups's prolink*'. Prezentat l-invoices u cekkijiet u transazzjonijiet u qalet li sa fejn taf hi ma hemmx pendenzi ma' Comprod Computer Centre. Mid-dokumenti prezentati minn dan ix-xhud jirrizulta, f'Dok JC1 a fol 435 et sequitur kien hemm invoice mahruga minn Comprod Computer Centre fir-rigward ta' Arrigo Group Limited datata t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) li thallas b'cekk li gie msarraf jew gie processat fit-tletin (30) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012), liema cekk huwa datat is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012). A fol 439 et sequitur jirrizulta invoice mahruga minn Comprod Computer Centre lil Arrigo Group Ltd datata l-erbatax (14) ta' Diecembru tas-sena elfejn u tnax (2012) li thallset permezz ta' cheque datat l-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u li ssarraf jew gie processat fil-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012). A fol 443 et sequitur tirrizulta invoice mahruga minn Comprod Computer Centre lil Arrigo Group Limited datata t-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) kif ukoll invoice datata l-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013), dawn thallsu permezz ta' cekk datat l-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn

u tlettax (2013) li ssaraf jew gie processat fil-hdax (11) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013).

Giet ipprezentata invoice ohra a fol 448 mahruga minn Comprod Computer Centre versu Arrigo Group Ltd datata t-tnax (12) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) u msarraf jew ipprocessat fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013). Invoice ohra hija datata t-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) u invoice ohra datata t-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) li thallsu permezz ta' cekk datat it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) u imsarraf jew ipprocessat fit-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012). Invoice ohra hija datata s-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) a fol 457 u invoice ohra datata t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) a fol 458 li thallsu permezz ta' cheque datat l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) u li ssaraf jew gie pprocessat fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013). Ghalhekk jirrizulta li l-ahhar cheque mahrug minn Arrigo Group Limited issarraf jew gie pprocessat fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013).

Xhud iehor importanti huwa Pierre Sammut li xehed fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) in rapprezentanza tal-MCAST. Huwa xehed li s-servizzi jidher li waqfu sal-elfejn u tnax (2012). Jghid li '*gibt kopja ta' cheques li, ma mortx lura l-istorja kollha imma mort sal-2011 prattikament l-ahhar sentejn. U hawn kopja hawnhekk tac-cheque li hareg u l-kopja minn wara ta' kif gie kkexjat*' Illum il-gurnata ma jirriizultax li hemm pendenzi, ma rcevewx statements jigifieri jidher li r-relazzjoni tan-negozju bejniethom waqfet. Mistoqsi meta kien l-ahhar pagament li nhareg lil Comprod Computer Centre jew lil Roderick Falzon jghid li '*Suppost l-ahhar wiehed kien tal-2012 jekk niftakar sew, ehe August ezattament 27 ta' Gunju 2012*'. Mid-dokumenti prezentati minn dan ix-xhud, inhargu pagamenti u cioe' cekkijiet datati l-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) a fol 507, l-erbgha (4) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) a fol 508, sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) a fol 509, it-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) a fol 510, tmintax (18) ta' Ottubru

tas-sena elfejn u hdax (2011) a fol 511, u s-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) a fol 512 u l-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) a fol 513. Ghalhekk l-ahhar pagament li sar kien fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012), qabel ma kienu ltaqghu l-appellant u l-kwerelant.

Dwar ordni minn MCAST fl-atti tirrizulta ittra eletronika a fol 335 datata t-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) mibghuta mill-appellant versu l-kwerelant fejn tnizzel fost affarijiet ohra '*Re MCAST Payment... You were in their mind or I don't know since it will be ready with this months payment run BUT need signatures... Should be ok next week.*' Tnizzel ukoll li '*There is the MCAST Order pending too*'. Tirrizulta ittra elettronika a fol 325 datata l-ghaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) u cioe 'Fri 1/10/14' fejn tnizzel '*Regards the MCAST, along this month the payment will be passed to you on which dates exactly we don't know but till end of this month this issue will be closed once forever*

*Sorry for the thing that happened but was all due to the old Accountant we had...*'

Ghalhekk jirrizulta li fiz-zmien li l-appellant kien qieghed iwieghed lill-appellant li kien qadt hemm pagament xi jsir mill-MCAST, dan kien ilu li thallas qabel ma biss iltaqghu l-appellant u l-kwerelant. Jirrizulta li l-ahhar hlas maghmul mill-kwerelant versu l-appellant kien fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) skont cheque li jinsab a fol 345 u mmarkat bhala Dok JM4. Jirrizulta ukoll mix-xhieda tal-kwerelant li l-appellant kien informah dwar ordni minn MCAST f'madwar Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013).

Din il-Qorti tqis li filwaqt li l-ahhar cheque mahrug minn Arrigo Group Limited kien imsarraf fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013), l-appellant kien baqa' jaghti x'jifhem li l-pagament kien ghadu ma sarx tant li l-kwerelant fit-tletin (30) ta' Awissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) kien baghat ittra elettronika[19] lil appellant fejn

[19] Li tinsab a fol 314

fost affarijiet ohra qallu '*So now, i am owed 2200 + 3700 +150 still pending, that is 6050. these should come from the remainder owed by ARRIGO and payment by Mcast so you are more then covered. Just hassle them to pay up please.*' L-appellant kien wiegeb '*Ok*' fost affarijiet ohra. L-appellant fl-ebda stadju tal-proceduri ma kkontesta l-awtenticita' tal-ittri elettronici pprezetati mill-Ispettur Ferris u mill-kwerelant minkejja li magiex mistoqsi jikkonferma jekk kienx baghat jew irceviewx dawk l-ittri elettronici. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tqishom bhala prova ammissibli. Din il-Qorti ghalhekk tqis li minkejja li l-appellant baqa jaghti x'jifhem li l-pagamenti minn Arrigo kienu ghadhom ma sarux, dawn filfatt kienu saru. Tirrizulta ittra eletronika fl-atti a fol 335 datata t-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) mibghuta mill-appellant versu l-kwerelant fejn fost affarijiet ohra kieteb '*I processed the order of ARRIGO in full and now they are all served*' Jirrizulta skont fol 460 u 461 li l-ahhar cheque mahrug minn Arrigo Group Limited kien datat l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) u ssarraf fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013). Jirrizulta izda li l-appellant baqa' jghid li kien qieghed jistenna l-hlas mill-Arrigo tant li f' ittra elettronika mibghuta mill-appellant datata l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u li tinsab a fol 58 fejn is-suggett tal-email kien 're *Arrigo*' fost affarijiet ohra kieteb:

'*Jon*

*Finally tomorrow Wednesday you will have the cash....*

*Yesterday evening they were signed ... qisu se jiffirma ma nafx xiex*

*Today the IT Person will keep it with him and tonite after that I come from gozo I will have it*

*Then tomorrow I will pass you the cash for them*

*and this too will be out*

*(...)*'

Ghalkemm l-appellant kien qieghed jaghti l-impressjoni li l-hlas kien ghadu ma sarx mminkejja li fil-verita l-ahhar pagament da parti ta' Arrigo Group Limited kiensar fl-ahhar ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013).Biss pero' ma jirrizultax ippruvat li kien hemm xi ordnijiet fittizzji u cioe' li l-appellant kien gideb li kien hemm ordni minghand Arrigo Group Limited meta ma kienx hemm. Din il-Qorti tqis li l-fatt li persuna tkun harget jew selfet ammont ta' flus li kellhom jigu ritornati lura lilha wara li jsir il-hlas kif ukoll li jithallas nofs il-profit, li sussegwentement jirrizulta li l-appellant ma jkunx hallas lura l-ammont misluf lilu u/jew lanqas il-profit, mhijiex bizzejjed biex jirrizulta pruvat l-ingann, lanqas taht l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni kellha tipprova li fil-mument li l-appellant talab il-flejjes minghand il-kwerelant dan sar b'ingann u li l-kwerelant ikun sofra telf konsegwenza ta' dan l-ingann.

Din il-Qorti tqis li jirrizulta li l-appellant vera kellu negozju tal-computers[20] u li ma ngabitx prova li l-flejjes kienu qeghdin jintuzaw ghal skop iehor, filfatt ma giex misjub hati ta' approprjazzjoni in debita. Din il-Qorti tqis izda li parti mill-flejjes li l-kwerelant hallas kienu intizi biex jintuzaw sabiex jinxtraw is-*supplies* ghall-ordni suppost maghmulha mill-MCAST, tant li fl-ittra elettronika tat-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) skont fol 329 l-kwerelant baghat lill-appellant '*You are ment to return 2200 I lent for MIA and 3700 +230 Lent for mcast. Not mentioning the 47k...*' Il-kwerelant fix-xhieda tieghu jispjega li l-appellant kien talbu l-flus minhabba ordnijiet ta' MCAST u Arrigo u l-kwerelant tah il-flus, ghalhekk f'dak li jirrigwarda l-MCAST

---

[20] Mill-employment history a fol 503 tnizzel li l-appellant kien Direttur ta' 'COMPROD-GROUP LIMITED' bhala self employed mill-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002) sat-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgha (2004) u bhala Direttur ma' C G Computer Wholesale Ltd' mill-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004) u ghalkemm hemm indikat li d-data tat-terminazzjoni kienet it-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), Joseph Saliba in rapprezentanza ta' Jobs Plus fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) spjega li avolja hemm indikat *termination date*, din mhijiex effettiva u ma dahlet l-ebda *termination form* izda gialadarba beda impjieg iehor is-sistema tindikah bhala termination. Mill-istess employment history jirrizulta li mill-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) sat-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) bhala impjegat fuq bazi full time ma AAK Grech Bros Ltd.

jirrizulta li l-appellant kien ivvinta li kien hemm ordni meta ma kien hemm l-ebda ordni pendenti f'dak iz-zmien u li ghalhekk rizultat ta' dan, il-kwerelant gie ingannat tant li spicca ghadda l-flus lill-appellant. A fol 59 tirrizulta ittra elettronika mibghuta mill-appellant datata t-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn kieteb '*MCAST from Auditor WAITING FOR THE CHEQUE BOOK - Meanwhile I will give you somthing too*'. Ghalhekk anke jekk wiehed kellu jiskarta ghal kollox il-kwistjoni dwar flejjes imhallsa mill-appellant ghal ordnijiet maghmulha minn Arrigo Group Ltd stante li kien hemm verament ordnijiet, jibqa' l-fatt li l-ordnijiet u pagamenti li saru minn MCAST thallsu qabel ma ltaqghu l-appellant u l-kwerelant u ghalhekk ma hemmx dubju li l-appellant kien giedeb meta qal lil kwerelant li kien hemm ordni minghand l-MCAST tant li rrizulta li ma kien hemm l-ebda ordni u lanqas pagament pendenti fiz-zmien in mertu. Ghalhekk irrispettivament ta' meta l-appellant fl-ittri elettronici semma l-MCAST u ghalhekk jekk kienx wara li l-appellant kien gja hareg il-flejjes kollha, mix-xhieda tal-kwerelant jirrizulta li kien madwar Marzu li l-appellant kien semma l-ordni tal-MCAST u li l-kwerelant kien sussegwentement tah xi flus. Jirrizulta ghalhekk li abbazi tal-gideb, **kien hemm** mhux ma kienx hemm konsegwenza kif jghid l-appellant, tant li l-kwerelant ghadda ammont ta' flus lill-appellant u baqa ma thallas lura l-flus kollha li huwa ta' lill-appellant. Ghalhekk mhuwiex minnu dak li jiprova jaghti x'jifhem l-appellant u cioe' li huwa ma prokurax xi haga bis-sahha tal-episodji tal-MCAST, jirrizulta li ma kienx biss gideb biex iserrah mohh il-kwerelant li l-flus kienu ser ikunu rifuzi izda gideb li waslu lill-kwerelant biex jghaddi ammont ta' flus lill-appellant.

Din il-Qorti ma hijiex taghti piz ic-cekk ta' sebgha u erbghin elf (€47,000) stante li mhux biss ma giex stabbilit minn mela l-ammont indikat fuq dan ic-cekk izda in oltre' l-kwerelant stess jghid li kellu javza lill-appellant xahrejn qabel ma jsarfu izda ma jirrizultax li l-appellant gie infurmat *a priori* li l-kwerelant kien se jsarraf dan ic-cheque. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tqis l-aggravju u sottomissjonijiet maghmulha rigwardanti dan ic-cekk. Din il-Qorti ghalhekk jonqosha tikkunsidra jekk dan kienx kaz ta' gidba semplici kif jghid l-appellant jew kienx hemm il-messa in scena, l-artifizji u r-

ragieri li jammontaw ghar-reat ta' truffa taht l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat ulterjorament;

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs George Debono ta' 49 sena, bin il-mejjet Mario u l- mejta Maria Victoria nee' Zammit imwieled B'Kara fid-9 ta' Mejju 1959 u joqghod 13, Dar il-Hena, Triq Karm Sammut, B'Kara detentur tal-karta ta' l-identita' numru 330859(M)'**[21] gie kkunsidrat li:

*'Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir- reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id- disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir- reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-***

[21] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-14 ta' Lulju, 2010 (Numru: 154/2009)

***Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l- ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*

*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*

*c. ta' kwalifiki foloz jew*

*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*

*e. ingann jew*

*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*

*g. jew ta' hila*

*h. setgha fuq haddiehor jew*

*i. ta' krediti immaginarji jew*

*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*.... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l- manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl- assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil- ligi. ...."*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi* ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal- falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l- affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar- reat fil-mument tal-***

***konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d- dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l- elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi ghar-rigward ta'l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il- Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) :* ***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."'***

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Maurice Curmi] vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela'**[22] gie kkunsidrat:

*'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil- gurisprudenza taghna.*

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill- vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta'*

[22] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-15 ta' Dicembru, 2011 (Numru: 688/2009)

*frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)*[23].

*Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei*[24]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

*Antolisei jkompli jghid pero li*

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[25].

*Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:*

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[26].

*Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputati verament kienu diretturi tas-socjeta Bahia Estates*

---

[23] Ref Pulizija ve Carmela German AK deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sebgha (7) fis-sentenza citata)

[24] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tmienja (8) fis-sentenza citata)

[25] Op cit pagna 357(Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata disgha (9) fis-sentenza citata)

[26] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata ghaxra (10) fis-sentenza citata)

*Limited liema socjeta verament kienet akkwistat propjeta biex tizvilluppaha f'binja gdida. Jirrizulta wkoll li fil-fatt din il-propjeta giet zvilluppata bil-mod kif kellha tigi zvilluppata. Huwa pacifiku li s-socjeta Bahia Estates Limited kellha diffikoltajiet biex tottjeni il-kancellamenti minghand l-APS Bank Limited biex tkun tista' tbiegh parti mill-binja zvilluppata lill-parte civile. Pero huwa pacifiku ukoll li l-parte civile kienu jafu b'dawn id-diffikoltajiet u xorta baqghu iggeddu l-konvenju. F'dan il- kwadru ta' fatti ma tirrizulta l-ebda messa in xena, u lanqas ma jirrizulta xi ingann perpetrat da parti tas-socjeta Bahia Estates Limited li permezz tieghu induciet lill-parte civile biex jaghmlu l-pagamenti li fil-fatt ghamlu.*

*Illi tenut kont ta' dan, fid-dawl tal-provi kollha prodotti, fil- fehma tal-Qorti r-reati kontemplati f'l-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta lanqas ma gew pruvati.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus George Manicolo'**[27], gie kkunsidrat li:

*"Illi l-ġurisprudenza nostrali dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, il-kliem menzjonier, izda hu neċessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, għandhom ikunu atti frawdolenti li neċessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kap. 9. Irrid ikun hemm il-messa in xena u ghalhekk, kif intqal, il-gideb waħedhom mhumiex suffiċjenti. Iridu jkunu atti, inkluż kliem ħelu u perswassiv, li jwasslu lil xi ħadd jemmen l-eżistenza ta' xi ħaġa msemmija mil-frodatur, liema ħaġa, in realta', ma teżistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raġġiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jiġi lilu mwiegħed mill-frodatur. Dan l-ingann, għalhekk, għandu jkun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali, u mhux sempliċement wegħdiet, promessi u kliem sempliċi. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux biżżejjed il-kliem waħdu, iżda dan il-kliem għandu jkun elokwenti, studjat u perswassiv; ma' dan it-tip ta' kliem għandu jkun hemm xi ħaġa esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, ċjoe' apparat estern li*

[27] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 1998

*jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur;*

*Din il-messa in xena hi magħmula minn dawn l-artifizji jew raġġiri idonei li jinduċu u fil-fatt ikunu induċew lill-vittma fi żball li bħala riżultat ta' dan l-iżball, il-vittma tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondent qligħ għall-aġent frodatur;*

*Kif ġie stabbilit u riaffermat fil-Qrati tagħna, ikun ħati ta' truffa minn jagħmel użu minn kwalita' falza sabiex jaghmel qligħ għad-dannu ta' haddieħor;'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija kontra Philip Petroni'**[28] fejn fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ikkunsidrat li:

*'L-unika haga li din il-Qorti thossha fid-dover li zzid -- u dan semplicement ghall-finijiet ta' kjarifika -- hu li ma tantx hu desiderabbli li wiehed jispjega l-mise en scene billi wiehed jirreferi ghal agir "kwazi teatrali". Veru li diversi sentenzi fl-imghoddi ghamlu referenza ghal din l-espressjoni -- "kwazi teatrali" -- pero' din il-qorti hi tal-fehma li tali espressjoni tista' tisvija jew tizgwida lil dak li jkun ghax taghtih x'jifhem li l-mise en scene tirrikjedi xi haga kumplikata jew arkitettata b'hafna pjanijiet. Ghal aktar kjarezza din il-Qorti ser tirriproduci dak li intqal minnha fis-sentenza tal-20 ta' Gunju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul**:*

***"Fil-ligi taghna, element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene, cioe' dawk l-"artifizi" jew "raggiri" idoneji li jinducu, u li effettivament ikunu inducew, lill-vittma fi zball -- l-ingann -- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent. Kif jispjega l-gurista Taljan Francesco Antolisei, b'"artifizio" wiehed ghandu jifhem***

---

[28] Deciza mill-Qorti tal-Appll Kriminali fis-16 ta' Marzju, 1999 (Appell Numru 215/98, 217/98)

*"....ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta' effettuato sia simulando cioe' che non esiste (per es., ricchezza, titoli, nome, qualita' ecc.), sia dissimulando, vale a dire, nascondendo cio' che esiste (per es., il proprio stato di insolvenza, di persona coniugata, o inabilitata, l'uso di una determinata cosa, ecc.)" [Manuale di Diritto Penale - Parte Speciale I, Giuffre' (Milano), 1986, p. 295].*

*L-istess awtur jiddefinixxi ir-raggir bil-mod segwenti:*

*" Il raggiro....e' un avvolgimento ingegnoso di parole destinate a convincere: piu' precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita' "[ibid.].*

*Il-ligi taghna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cioe' li dawn l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kumplikata jew arkitettata b'hafna pjanijiet; in fatti l-ligi stess tindika il-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjoni ta' meta persuna b'kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x'tifhem li ghandha flus meta m'ghandhiex. Meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu ragjonevolment kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak ic-cekk jista' jigi onorat, ikun qed jinganna, jew jipprova jinganna, b'wahda mill-forom kontemplati fil-ligi taghna.*

*Pero', kif inghad, element essenzjali iehor tar-reat in dizamina huwa t-telf patrimonjali li ggarrab il-vittma bil-konsegwenti qligh ghall-agent, liema telf u qligh ikunu r-risultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos milli taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata. In fatti t-truffa komunement tigi imqabbla mas-serq u mal-appropjazzjoni indebita, bid-differenza bejn it-tlett reati konsistenti fil-mod ta' kif isir it-telf u l-korrispondenti qligh. Fi kliem l-awtur appena citat:*

*"Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato [di truffa] e lo distingue sia dal furto che dall'appropriazione indebita. Ambedue questi reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittima, perche' il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di colui che la detiene, mentre il*

***secondo postula da parte del possessore un' arbitraria, e percio' non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario. Nella truffa, invece, l'agente, mediante artifizi o raggiri, riesce ad ottenere che la vittima si danneggi da se': consegni una cosa, assuma un'obbligazione, rinunzi ad un diritto, ecc.: compia insomma un atto di disposizione pregiudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri" [op. cit., p. 293].***"'

Illi kif gia inghad, din il-Qorti tqis li jirrizulta pruvat li kien hemm negozju tal-computers, jirrizulta ukoll izda li filwaqt li l-kwerelant fuq dak li qallu l-appellant kien minghalih li kien hemm ordni mill-MCAST, irrizulta li mhux biss ma kienx hemm ordni izda ukoll li ma kien hemm l-ebda pagament pendenti fiz-zmien in kwistjoni. Irrizulta ukoll li ghalkemm il-ftehim bejn l-appellant u l-parti leza kien li l-appellant meta jircievi l-hlas minghand il-klijent ihallas lura l-ammont misluf mill-appellant kif ukoll nofs il-profitti, minghajr ma din il-Qorti tidhol fil-kwistjoni tal-profitti, jirrizulta li l-appellant ma tax lura l-ammonti kollha mislufa mill-kwerelant.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset li:

'*Wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa ix-xhieda u l-provi migjuba quddiema filwaqt li din il-Qorti temmen li l- imputat kellu negozju tal-informatika m' ghandiex dubju li l-imputat inganna lill-parte civile billi ivvinta ordnijiet li ma kienux jezistu bhal kaz tal-MCAST fejn l-ahhar ordni kienet saret qabel mal-partijiet kienu ltaqghu. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk jikkonkorru l-ingann, il-mise en scene u l-elementi kollha rikjesti mill-ligi, u appena indikati fil-paragrafi precedenti, sabiex jitqies li jissussisti r-reat ta' truffa li bih jinsab akkuzat l-imputat permezz tal-ewwel akkuza.*'

Din il-Qorti taqbel li l-appellant kien ivvinta ordni li ma tezistiex u cioe' dik tal-MCAST, biss pero' dan ma jfissirx li kien hemm il-messa in scena u r-raggieri rikjesti taht l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Skont ix-xhieda tal-kwerelant tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) jirrizulta li meta l-appellant kien qal lil kwerelant li kellu ordni tal-MCAST ghal parts tal-kompjuter, il-kwerelant kien hallsu

xi flus. Filfatt jghid li '*jien kont avvanzajtlu xi flus u l-istess kellu credit note m'hiniex cert jekk kienx ta' xahar jew x'jismu imma meta kien skada t-temp jien kont dejjem nghidlu l-flus fejn huma ? U hu dejjem kien jigini b'xi skuza. Issa jiena kont imbaghad biex nipprova iktar nara x' qed jigri jiena kont saqsejtu ghal invoice ghax ghidtlu li ghandi habib li jista' jghinha biex nigbru l-flus u kien jghidli per ezempju li c-cheque kien fil-post, u mbaghad jghidli, dejjem kien jivvintali xi skuza. Li c-cheque spicca ghand l-Avukat aw ghand in-Nutar tieghu, in-Nutar tieghu ma jafx fejn hu. U mbghad kien rega' qalibli li c-cheque kien ghadu ma waslx u jiena kont insaqsih ghal invoice biex immexxi x'jismu. Fl-ahhar kien qalli li kellu problema bil-Kompjuter tieghu u l-invoice intilef u hemmhekk ghidt I have to take action jigifieri. U jiena kont cempilthom*', spjega '*Lil MCAST u kont saqsejthom ghan-nom ta' Comprod jekk kienx hemm xi cekkijiet pendenti lejh u kienu qaluli li l-ahhar xoghol li kellhom kien f' Jannar u kien thallas. Jigifieri dan qatt ma kien hemm l-ordni li kien qalli f' Marzu ghax l- ahhar pagament li kienu ghamlulu kien f' Jannar*'.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li ma kinitx kwistjoni ta' gideb biex iserrah mohh il-kwerelant li kien hemm fejn jithallas kif jissottometti l-appellant fl-appell tieghu izda kien rizultat ta' invenzjoni ta' ordni li ma kinitx tezisti, rizultat ta' dan, il-kwerelant ghadda l-flus lill-appellant. Nonostante dan, ghalkemm il-kwerelant jghid li l-appellant kellu 'credit note' ma jirrizultax din x'kienet. L-Ispettur Jonathan Ferris fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) kien spjega li '*Darba dana Mercieca kien gieh suspett ghaliex wara li kien ra ammont ta' trapass ta' zmien fejn ma kienx inghata profit sharing dana Falzon skond ma kien qed jghid dana Mercieca kien darba minnhom marlu b' xi invioces ghal MCAST kif ukoll ghal Arrigo Agency Travel. Meta ghidtlek invoices, invoices ghal supplies ta' Computer kemm peripherals, hardware or stationery. Pero' dana Mercieca darba minnhom kien cempel anke l-MCAST u kien gie nfurmat mill-MCAST stess illi l-invoice li kien qed jaghmel ghaliha referenza Mercieca kienet ilha li thalset.*' Minkejja dak li xehed l-Ufficjal Investigattiv, meta xehed il-kwerelant ghalkemm jghid li l-appellant kellu 'credit note' fl-ebda hin ma jghid li l-appellant kien urieh invoice ta' ordni maghmulha minn MCAST. Ma giex pruvat li l-appellant ikkrea invoices foloz biex igieghel lil kwerelant jemmen li kien hemm ordni anzi kif jghid il-kwerelant stess l-appellant baqa qatt ma

urieh l-invoice u kien peress li baqa ma uriehx l-invoice u l-hlas baqa ma sarx, li iddecieda li jaghmel kuntatt mal-MCAST biex jivverifika jekk kienx ghad hemm pagament x'jithallas.

Ma hemmx dubju li l-appellant kien jivvinta diversi skuzi meta mitlub biex jghaddi pagament lill appelalnt fejn per ezempju minn dak li jirrizulta mill-ittri elettronici li jinsabu a fol 330, meta mitlub invoices mill-kwerelant, wiegeb fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) li marret is-salva vita u li ma setghax jixghel is-server jew computer, dan izda sehh wara li l-kwerelant kien gia ghadda l-flus lill-appellant.

Sabiex tissustixxi l-messa in scena mhijiex bizzejjed li l-appellant kien qal lill-kwerelant li kien hemm ordni u sussegwentement hlas pendenti minghand l-MCAST meta fil-verita rrrizulta li ma kienx hemm. Kellu jkun hemm il-messa in scena, l-att estern bhal invoices foloz li jwasslu lil vittma jaghmel jew ma jaghmilx haga u li rrizultat ta' dan isofri telf. Ghalhekk dak li jirrizulta huwa l-frodi innominata taht l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li ghalkemm ma giex indikat mill-Avukat Generali huwa kompriz u involut fl-artikolu 308. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. A. Gafa') Vs Simon Baldacchino Barthet'</u>**[29]:

*'Hu minnu li f' dan il-kaz l-Ewwel Qorti ma sabitx htija taht l-artikolu 308, imma dan ghamlitu mhux ghax ma kienx hemm il-qerq biex minnu jsir il-qliegh, imma ghax dan il- qerq ma kienx akkompanjat mill-messa in scena li hi element indispensabbli biex tinstab htija tar-reat ta' truffa kontemplat f' dak l-artikolu.*

*Pero' dan ma jfissirx li ma jissussistix ir-reat kompriz u involut ta' frodi innominata skond l-artikolu 309 u ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha li fil-waqt li lliberat mill- akkuza ta' truffa, sabet htija tal-frodi innominata.'*

---

[29] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Novembru, 2008 (Appell Kriminali Numru: 118/2008)

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija versus George Manicolo'**[30] gie meqjus li:

*'Illi dwar l-aggravju ta' l-appellant li f'dan l-istadju l-akkuża ma tistax tinbide talvolta mill-provi jirriżulta r-reat taħt l-artikolu 309 tal-Kap.9 (il-frodi nnominata) u mhux it-truffa taht l-artikolu 308 tal-Kap. 9 u allura l-appellant ghandu jiġi lliberat, il-Qorti tirrileva li l-appellant hawnhekk huwa żbaljat, prinċipalment l-għaliex ir-reat taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9 huwa kompriż u involut f'dak ikkontemplat fl-artikolu 308 tal-Kap. 9. Dan joħroġ ċar minn interpretazzjoni akkurata ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 u fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza in materia. L-elementi li jikkostitwixxu d-delitt taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9 jistgħu, u anke huma, komuni għal dawk rikjesti għad-delitt taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9. L-artikolu 310 tal-Kap. 9 imbagħad, jaggrava l-piena stabbilita fl-artikoli 308 u 309 tal-Kap. 9 skond il-valur tal-ħsara u ammont involut;'*

Jirrizulta li l-appellant kien gideb u ghalhekk qarraq bil-kwerelant meta qal li kien hemm ordni minn MCAST meta fir-realta' rrizulta li ma kienx hemm. Kien rizultat ta' dan il-gideb li l-kwerelant ghadda flus lill-appellant u sofra telf. Ghalhekk din il-Qorti sejra tirrevoka fejn il-Qorti sabet htija taht l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minflokk issib htija taht l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar il-kumplament tal-ammonti li l-appellant baqa' qatt ma rrifonda lura lil kwerelant, ma tirrizultax ippruvata l-intenzjoni qarieqa tal-appellant. Fil-kamp penali ma jistax isiru assunzjonijiet fis-sens li wiehed ma jistax jassumi li la darba gie ppruvat li l-appellant inganna lil kwerelant meta gideb dwar ordni mill-MCAST, allura l-kumplament tal-flejjes mahruga mill-kwerelant kienu ukoll rizultat ta' ingann perpetrat mill-appellant. Dan ma giex ippruvat minghajr dubju dettat mir-raguni. Il-prova dwar jekk flejjes ohra li nhargu kienux rizultat ta' ingann setghet issir billi l-prosekuzzjoni ttella bhala xhieda klijenti ohra li l-kwerelant kien ghadda flus lill-appellant fuq il-pretiza li kien hemm

[30] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 1998

ordnijiet minghandhom sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm verament dawn l-ordnijiet. Din il-prova ma saritx u ghalhekk htija taht l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tinstab limitatament ghal flus mahruga rizultat tal-ordni fittizja tal-MCAST.

Ikkunsidrat;

It-tieni aggravju jirrigwarda kunflitt dwar l-ammont misluf. Skont l-appellant l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta waslet ghas-somma ta' tlieta u tletin elf, mija u erbghin ewro (€33,140) abbazi ta' komputazzjoni semplici, meta jirrizulta li hemm kontestazzjoni qawwija dwar l-ammont li fil-fatt huwa dovut lil parte civile. L-appellant iqis li l-Ewwel Qorti kienet erronja meta applikat l-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali, stante li l-ammonti li ghadhom dovuti llum il-gurnata lil parte civile ma humiex ben definiti. Li ma hemmx kontestazzjoni li l-appellant ghandu debitu a favur il-parte civile, pero l-kwantifikazzjoni u l-likwidazzjoni ta' dan id-debitu ma hijiex kompetenza tal-Qrati Kriminali, li din il-kwistjoni hija purament ta' natura civili. Jishaq li l-ammont ma giex pruvat sal-grad rikjest mill-ligi u jghid li l-parte civile stess jghid li mhuwiex cert dwar l-ammont li ghadu dovut lilu.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, senjatament fid-*decide* ordnat lill-appellant ihallas is-somma ta' tlieta u tletin elf, mija u erbghin ewro (€33,140) u permezz ta' nota ta' qiegh il-pagna spjegat li '*€51,100 li minnhom tnaqqas €17,960 imhallsa skont ir-rendikont Dok. AD 2 a fol 430 u 431 tal-atti processwali.*'

Meta xehed il-kwerelant John Mercieca fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) dwar l-ammonti kien spjega li '*kelli €47000 u kien hemm xi €3000 li kien dovut lejja u minnhom dawn kollha minn €50000 gbart €18000 jigifier jien dovut €32000*' Fix-xhieda tieghu tal-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) spjega li kien thallas l-ammont globali ta' sbatax-il elf, disa' mija u sittin ewro (€17,960). Dan jirrizulta mill-lista li tinsab a fol 428 u mmarkata bhala Dok AD1.

L-Ewwel Qorti qieset li '*Ic-cekkijiet u pagament cash mghoddija mill-parti civile lill-imputat huma s-segwenti (a fol 31 sa 40 u 393 sa 394 tal-atti processwali):*

| | | |
|---|---|---|
| *22/05/2013* | *Cekk BOV 58* | *€2,600* |
| *01/02/2013* | *Cekk BOV 57* | *€2,500* |
| *12/10/2012* | *Cekk BOV 49* | *€3,000* |
| *25/09/2012* | *Pagament cash* | *€5,500* |
| *14/09/2012* | *Cekk BOV 48* | *€8,000* |
| *31/12/2012* | *Cekk BOV 56* | *€2,500* |
| *13/11/2012* | *Cekk BOV 51* | *€700* |

| | | |
|---|---|---|
| *22/10/2012* | *Pagament Cash* | *€4300* |
| *17/10/2012* | *Cekk BOV 50* | *€22,000* |
| ***Total*** | | ***€51,100*** |

Il-kwerelant fix-xhieda tieghu tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) spjega li qabel l-appellant tah ic-cheque ta' sebgha u erbghin elf ewro (€47,000), l-

appellant kien ghadda ammonti u cekkijiet li jammontaw ghal sitta u erbghin elf (€46,000) u jghid li kien hemm xi elf ewro (€1000) ohra cash u ghalhekk gew ghall-ammont ta' sebgha u erbghin elf ewro (€47,000). Filwaqt li c-cekkijiet li jinsabu f'Dok JM4 u cioe' z-zewg cekkijiet inhargu wara li inghata c-cekk in kwistjoni.

L-appellant fir-rikors tal-appell tieghu, senjatament fil-parti dedikata ghal fatti ikkonferma li ma hemmx kontestazzjoni li dawn kienu l-flejjes moghtija mill-parte ciivle lill-appellant u cioe' wiehed u hamsin elf u mitt ewro (€51,100)[31]. Dak li qieghed jikkontesta l-appellant huwa l-ammont li huwa dovut mill-appellant versu l-parte civile.

Din il-Qorti tqis li li mhuwiex il-kompitu ta' din ta' Qrati Kriminali la biex iqisu x'kien l-ammont totali mghoddi mill-kwerelant versu l-appellant u lanqas biex jikkwantifikaw kemm hu l-ammont li l-appellant ghadu jrid ihallas lura lill-kwerelant. Dak li trid tikkwantifika l-Qorti ta' kompetenza kriminali huwa l-ammont ta' telf soffert mill-kwerelant **<u>konsegwenza tal-frodi jew tar-reat li instab hati tieghu</u>** l-appellant. Ammonti ohra iridu jigu likwidati u ordnati sabiex jithallsu minn Qrati Civili. Ghalhekk minkejja li l-appellant skont dak li jirrizulta mill-parti tal-appell dedikata ghal fatti qieghed jikkoncedi li l-kwerelant selfu wiehed u hamsin elf u mitt ewro (€51,100) u jikkoncedi ukoll li hemm bilanc x'jithallas lura lill-kwerelant, din il-Qorti ma tistax tkun hi li tilliwida ammont dovut, irrispettivament ta' jekk giex ippruvat jew le l-ammont li jrid jigi rifuz mill-appellant versu l-kwerelant, gialadarba ma jirrizultax pruvat li l-ammont kollu mhallas mill-kwerelant versu l-appellant kien rizultat ta' frodi. Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi milqugh ghar-ragunijiet ikkunsidrati minn din il-Qorti.

Ikkunsidrat;

---

[31] Ghalkemm l-appellant fl-appell erronjament jindika l-ammont ta' €51,000 minfokk €51,100, meta wiehed jghodd l-ammonti li jghid li ma hemmx kontestazzjoni dwarhom, dawn jammontaw ghal €51,100.

It-tielet aggravju jaqra' li r-rifuzjoni tista' tkun biss tal-flus avvanzati minhabba ingann. L-appellant jissottometti li anke jekk fl-aghar ipotesi din il-Qorti taqbel li l-ammont li ghadu dovut lil parte civile huwa ta' tlieta u tletin elf, mija u erbghin ewro (€33,140), ma huwiex kompitu tal-Qrati Kriminali li jillikwidaw debitu civili. L-Ewwel Qorti kellha semmai tara liema mill-flejjes avvanzati kienu rizultat ta' qerq perpetrat mill-appellant, u jekk xejn, kellhom ikunu dawn biss il-flejjes li setghat tordna r-rifuzjoni taghhom. Li l-Qorti Kriminali a tenur tal-Artikolu 532A, tista' biss tordna lil hati jhallas dawk id-danni ghal xi feriment jew b'kumpens ghal xi telfien. Li ghandu jkun ovvju skont l-appellant li dan it-telfien ghandu jkun konsegwenza diretta tar-reat, jigifieri jrid ikun hemm ness bejn it-telfien u r-reat innifsu. Jissottometti li l-flus mislufa wara c-cheque ta' sebgha u erbghin elf ewro (€47,000) li eventwalment ma ssarafx li nghata lejn l-ahhar tal-elfejn u tnax (2012) u li l-flus mislufa wara dan il-perjodu huma ta' hamest'elef u mitt ewro (€5,100). Li skont l-appellant fl-aghar ipotezi, din biss ghandha tkun is-somma li semmai ghandu jirritorna l-appellant a tenur tal-artikolu 532A. Jissottometti li l-Qorti ma ghandiex kompetenza tordna rifuzjoni ta' flejjes li ma humiex flejjes li l-appellant ipprokura b'ingann jew bis-sahha ta' xi reat iehor. Li kull somma ulterjuri hija kompetenza esklussiva tal-Qrati Civili.

L-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation għar-rigward tas-setgħa li għandha l-qorti li tordna lill-ħati jħallas id-danni għandhom ukoll mutatis mutandis japplikaw kull meta jiġri li persuna tingħata sentenza wara li tkun instabet ħatja ta' delitt.*'

L-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li:

'*(1) Meta Qorti tagħmel ordni ta' probation, ordni ta'servizz fil-komunità, ordni ta' probation u servizz, ordni għal liberazzjoni kondizzjonata jew meta tillibera lil xi ħati għal kollox tista', mingħajr preġudizzju għall-poter li għandha dwar l-ispejjeż taħt l-artikoli 380 u 533 tal-*

*Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati* ***<u>jħallas dawk id-danni għal xi feriment jew b'kumpens għal xi telfien</u>*** *hekk kif il-qorti jkun jidhrilha li jkun l-aktar raġonevoli.*

*(2) Meta toħroġ ordni taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tista' tordna li tali spejjeż jew danni jitħallsu bin-nifs, partikolarment, billi tikkunsidra kull obbligu li l-ħati għandu lejn il-vittma jew xi dipendenti tal-vittma.*

*(3) Ordni għall-ħlas ta' danni jew kumpens kif hawn qabel imsemmi tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħallikieku din kienet ingħatat f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u l-persuna lil min id-danni jew il-kumpens jiġu ordnati li għandhom jitħallsu:*

*Iżda ebda naħa f'dan l-artikolu m'għandha tidderoga mid-dritt ta' dik il-persuna li tkopri kull ammont ieħor li jifdal b'xi mezz ieħor mingħand il-ħati jew mingħand xi persuna oħra li tista'tkun responsabbli għall-istess ħlas.'* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Il-ligi titkellem dwar telfien, hlas ta' danni jew kumpens. Jirrizulta li l-appellant minkejja l-ammonti kollha mghoddija mill-kwerelant baqa' ma hallas l-ammonti kollha lura. Jirrizulta li uhud minn dawn l-ammonti thallsu mill-kwerelant versu l-appellant wara li l-appellant kien b'ingann qal lill-appellant li kien hemm ordni minghand MCAST u ghalhekk l-appellant kien ghaddielu somma ta' flus, liema ordni ma kinitx verament tezisti fiz-zmien in kwistjoni.

Fl-ittra elettronika tat-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) li tinsab a fol 323 John Mercieca kien fost affarjiet ohra kieteb lill-appellant '*You are ment to return 2200 I lent for MIA and 3700 + 230 Lent for mcast. Not mentioning the 47k.*' Ghalhekk skont din l-ittra elettronika jirrizulta li l-appellant ghal dak li jirrigwarda l-ordni ghal MCAST jaghmel referenza ghas-somma mislufa ta' tlett'elef, disa' mija u ghoxrin ewro (€3930). Fl-ittra elettronika datata t-tletin (30) ta' Awissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) li tinsab a fol 314, l-appellant fost affarijiet ohra kieteb '*...all I want is 3700 no profit just what is owed please(from Arrigo), and the 4400 from Mcast which was owed to Glen.*

*Mela totalling everything we have 2200 + 3700 + 4400= 10300*

*we sorted out 4250 which is glens payment, still have 150 pending.*

*So now, I am owed 2200 + 3700 + 150 still pending . that is 6050. these should come from the remained owed by ARRIGO and payment by Mcast so you are more then covered. Just hassle them to pay up please.*

*I hope you acknowledge with the above and appreciated that i always end up cutting off to try and make things easier for you, at the end it's all profit for you and loss for me. Please let us settle this ASAP so then we may start concentrating on the actual balance of 47k'*

Ghalhekk f'dawn l-ittri elettronici jirrizultaw ammonti diversi mill-ahhar pagament mahrug f'Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013). Stante li l-kwerelant xehed li l-appellant kien infurmah dwar l-ordni ta' MCAST f'Marzu[32] u li kien sussegwentement ghaddielu l-flus, din il-Qorti sejra tqis x'pagament kien sar mill-kwerelant versu l-appellant wara Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013), fejn filfatt jirrizulta li kien cheque mahrug fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fl-ammont ta' elfejn u sitt mitt ewro (€2600). Huwa dan l-ammont li Qorti ta' kompetenza Kriminali tista' tordna li jithallas lura lill-kwerelant stante li jirraprezenta telf soffert rizultat tal-ingann kommess mill-appellant meta gideb dwar ordni maghmulha minn MCAST meta fir-realta' ma kien hemm l-ebda ordni pendenti dak iz-zmien. Ordni ghar-rifuzjoni ta' kwalunkwe ammonti ohra taqa' fil-kompetenza ta' Qrati Civili.

Il-Qorti ghalhekk ma setghetx tassumi li l-kumplament tal-ammonti mghoddija mill-kwerelant versu l-appellant kienu jirraprezentaw telf **<u>rizultat ta' reat</u>** perpetrat mill-appellant. Ma giex ippruvat sufficentement li kull ammont iehor qabel ma nqalghet il-kwistjoni tal-MCAST kien sar bi profitt mill-appellant tramite qerq. Ma hemmx dubju li l-appellant sab diversi skuzi biex ihallas lura l-flejjes mislufa mill-appellant, izda dak li kellu jigi pruvat kienet l-intenzjoni ta' ingann da parti tal-appellant li gieghlet lill-kwerelant isofri telf. Ghalhekk il-Qorti setghet biss tordna l-hlas tat-telf rizultat tar-reat perpetrat mill-agent. Stante li din il-Qorti mhijiex issib htija abbazi c-cekk ta' sebgha u

[32] Skont il-kwerela li tinsab a fol 26 et sequitur u mmarkata hala Dok JF1 dan kien bejn Marzu u April 2013

erbghin elf (€47,000), din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant fejn fl-appell tieghu jghid li fl-aghar ipotezi ghandu jigi ordnat li jithallas l-ammonti mahruga wara li nghata dak ic-cekk.

Ghalhekk ghalkemm kif gia kkunsidrat ma jirrizultax kjarament x'kien l-ammont imhallas mill-kwerelant rigwardanti l-ordni fittizja tal-MCAST, din il-Qorti sejra tqis il-pagament li sar mill-kwerelant wara Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) meta l-appellant kien informah dwar l-ordni mill-MCAST, fejn jirrizulta li l-unika pagament li tressqet prova dwaru wara Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) kien ic-cekk tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) li jinsab a fol 345 u 393 bhala l-ammont ta' telf rizultat tal-ingann perpetrat mill-appellant u sejra ghalhekk tordna rifuzjoni ta' elfejn u sitt mija (€2600), dan **<u>minghajr pregudizzju ghad-drittijiet kollha tal-kwerelant sabiex jipprocedi bi proceduri legali fil-Qrati Civili</u>** sabiex jirkupra l-ammonti kollha mhallsa lill-appellant u kwalunkwe ammont iehor dovut lilu.

Din il-Qorti ghalhekk stante li qieghda tirrevoka fejn instabet htija taht l-artikolu 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda sejra ssib htija taht l-artikoli 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sejra ghalhekk tirrevoka l-piena imposta mill-Ewwel Qorti inkluz l-ammont li l-Qorti ordnat li jigi rifuz lil kwerelant u sejra minflokk tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' erbatax-il (14) xahar prigunerija sospiza ghal tlett snin skont l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sejra wkoll tordna r-rifuzjoni mill-appellant versu l-kwerelant tal-ahhar pagament maghmul mill-kwerelant u cioe' dak ta' elfejn u sitt mitt ewro (€2,600) u dan fi zmien sitt xhur mill illum ai termini tal-artikolu 28H (1) tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta u dan billi l-appellant ai termini tal-artikolu 28H (3) tal-kap 9 tal-ligijeit ta’ Malta ihallas lill-kwerelant John Claude Mercieca mensilment is-somma ta’ erbgha mija tliieta u tletin euro u tlieta u tlettin centesmi euro ( €433.33) .

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell u filwaqt li tirrevoka fejn il-Qorti sabet htija taht l-artikolu 308 u l-artikolu 310(1)(a) tal-Kapitolu 9

tal-Ligijiet ta' Malta, minflokk issib lill-appellant hati taht l-artikolu 309 u l-artikolu 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tirrevoka ukoll il-piena imposta mill-Ewwel Qorti kif ukoll tirrevoka l-ammont li l-Ewwel Qorti ordnat lill-appellant ihallas lil John Claude Mercieca entro sentejn u minflokk tikkundanna lill-appellant ghall-erbatax (14) il-xahar prigunerija li b'l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-appellant ihallas is-somma ta' elfejn u sitt mitt ewro (€2,600)[33] lil John Claude Mercieca[34] fi zmien xahrejn mid-data ta' din is-sentenza. Jibqa' impregudikat id-dritt ta' John Claude Mercieca sabiex jirkupra kull somma ohra dovuta lilu mill-appellant tramite proceduri Civili u f'dan ir-rigward din il-Qorti tiddikjara li l-perjodu ta' preskrizzjoni gie sospiz minn meta l-appellant tressaq il-Qorti sad-data ta' din is-sentenza u ghalhekk il-perjodu preskrittiv jerga jissokta mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati xi jkunu l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza jew jekk ma jsegwix l-Ordni moghtija lilu skond l-artikoli 28H (3) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

---

[33] Rapprezentanti l-hlas li sar mill-kwerelant versu l-appellant permezz tac-cheque datat it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) immarkat bhala Dok JM4 a fol 345 u 363.

[34] Fl-atti xi kultant indikat bhala 'John Mercieca' jew 'Jean Claude Mercieca'